# Smigħ ta' xhieda

Polonja

Il-kontenut ipprovdut minn

European Judicial Network (in civil and commercial matters)

## 1 L-oneru tal-provi

### 1.1 X'inhuma r-regoli dwar l-oneru tal-provi?

Il-kwistjonijiet relatati max-xhieda u mal-kumpilazzjoni tax-xhieda huma rregolati primarjament mill-Artikolu 6 tal-Kodiċi Ċivili tat-23 ta' April 1964 (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Ċivili") u mill-Artikoli 227–315 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili tas-17 ta' Novembru 1964 (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi tal-Proċedura Ċivili").

Skont l-Artikolu 6 tal-Kodiċi Ċivili, l-oneru tal-provi ta' fatt trid iġġorru l-persuna li tasserixxi l-konsegwenzi legali li jirriżultaw minn dan il-fatt. L-oneru tal-prova ta' ċerti fatti jkollu għalhekk iġorru r-rikorrent, u dak tal-prova ta' ċerti fatti oħra, iġorru l-intimat.

### 1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'liema każijiet ? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?

Skont l-Artikolu 228 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, ma hemmx bżonn li fatti magħrufa sew jiġu ppruvati. Ma hemmx bżonn li jiġu ppruvati fatti li l-informazzjoni tagħhom hija ġeneralment disponibbli u fatti magħrufa mill-qorti *ex officio*, iżda l-qorti trid tiġbed l-attenzjoni tal-partijiet għalihom. Lanqas ma hemm bżonn ta' prova tal-fatti kkonfermati mill-kontroparti matul il-proċedimenti jekk ma jkun hemm l-ebda dubju dwar il-konferma (l-Artikolu 229 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Jekk parti ma tesprimix opinjoni dwar l-affermazzjonijiet tal-fatti mill-kontroparti, il-qorti tista', wara li tqis l-eżitu tas-seduta kollha kemm hi, tikkunsidra dawk il-fatti bħala kkonfermati (l-Artikolu 230 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Skont l-Artikolu 231 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-qorti tista' tqis li fatti rilevanti għas-soluzzjoni tal-kawża ġew stabbiliti jekk dik il-konklużjoni tkun tista' tinsilet minn fatti stabbiliti oħra (preżunzjoni tal-fatti).

Il-preżunzjonijiet stabbiliti bil-liġi (preżunzjonijiet legali) huma vinkolanti fuq il-qorti; madankollu, dawn jistgħu jiġu kkonfutati kull meta l-liġi ma teskludix li dan isir (l-Artikolu 234 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Kif inhi l-liġi bħalissa, ma hemm l-ebda preżunzjoni legali inkonfutabbli fil-Polonja, jiġifieri li ma tistax tiġi kkonfutata. Madankollu, ċerti preżunzjonijiet legali jistgħu jiġu kkonfutati biss fi proċedimenti separati — pereżempju, il-preżunzjoni li persuna mietet fid-data stabbilita fid-deċiżjoni li tiddikjara l-mewt, il-preżunzjoni li l-wild huwa mir-raġel tal-omm jew il-preżunzjoni li l-persuna li ġiet iddikjarata li kisbet is-suċċessjoni hija fil-fatt il-werrieta. Il-konstatazzjoni ta' sentenza kriminali definittiva dwar it-twettiq ta' reat kriminali tista' wkoll tiġi kkontestata biss fil-kuntest ta' proċedimenti ta' kontestazzjoni ta' dik is-sentenza.

Preżunzjonijiet legali oħra jistgħu jiġu kkonfutati permezz ta' provi kuntrarji fl-istess proċedimenti. Pereżempju, il-preżunzjoni ta' *bona fide*, il-preżunzjoni li l-wild twieled ħaj, il-preżunzjoni li att li jhedded il-benesseri personali huwa illegali, il-preżunzjoni li l-ishma tal-koproprjetarji fil-proprjetà komuni huma ugwali, il-preżunzjoni li d-debitur aġixxa bl-għarfien li l-kredituri ġew leżi, il-preżunzjoni li l-kontribuzzjonijiet tal-membri tas-sħubija rregolata bid-dritt ċivili huma ta' valur ugwali, u l-preżunzjoni li dak li huwa ċċertifikat fi strument awtentiku

huwa minnu.

Skont l-Artikolu 233(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-qorti għandha, abbażi tal-konvinzjoni tagħha stess u fuq il-bażi ta’ kunsiderazzjoni komprensiva tal-provi miġbura, tivvaluta s-sinifikat tar-rifjut tal-parti li tipproduċi provi jew tal-impedimenti biex tagħmel dan kontra d-deċiżjoni tal-qorti. Għalhekk, fil-prattika, il-qorti tista’ tikkunsidra li l-oneru tal-prova kuntrarja jiġi ttrasferit fuq parti li l-aġir tagħha jagħmilha diffiċli li jiġi pprovat fatt partikolari, jiġifieri li dan il-fatt ma seħħx.

### 1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?

Il-proċedimenti ċivili japplikaw il-prinċipju tal-valutazzjoni libera tal-provi (l-Artikolu 233 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), li skontu l-qorti tivvaluta l-affidabbiltà u s-saħħa tal-provi għas-sodisfazzjon tagħha, abbażi ta’ eżami komprensiv tal-provi miġbura. Sabiex tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq l-eżistenza ta’ fatt partikolari, il-qorti trid tkun sodisfatta li dan il-fatt attwalment seħħ.

Bħala eċċezzjoni, fi proċedimenti ċivili, il-konvinzjoni li fatt x’aktarx ikun seħħ tista’ tkun biżżejjed. Dan huwa l-każ f’sitwazzjonijiet fejn il-liġi tirrikjedi biss każ *prima facie* u mhux prova tal-fatt (l-Artikolu 243 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Fil-proċedimenti ċivili huwa previst li każ *prima facie* huwa suffiċjenti sabiex tingħata deċiżjoni, pereżempju, dwar l-għoti ta’ garanzija, dwar l-intervent tal-parti intervenjenti awżiljari fil-proċedimenti, jew dwar is-sospensjoni tal-eżegwibbiltà immedjata ta’ sentenza fil-kontumaċja.

## 2 Is-smigħ tal-provi

### 2.1 Għas-smigħ tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f’ċerti każijiet l-imħallef jisma’ l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?

Il-Qorti tista’ taċċetta provi mhux indikati minn parti (l-Artikolu 232 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), iżda fi proċedimenti kontenzjużi dan huwa eċċezzjoni u huwa fid-diskrezzjoni tal-qorti. Dan mhuwiex il-każ f’ċerti sitwazzjonijiet fi proċedimenti mhux kontenzjużi fejn il-liġi tipprevedi l-possibbiltà li jinbdew proċedimenti *ex officio* (eż. fi kwistjonijiet ta’ responsabbiltà tal-ġenituri jew tutela) jew fejn il-liġi tirrikjedi li l-qorti tiddetermina *ex officio* ċerti fatti (pereżempju, fi proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ wirt, il-qorti teżamina *ex officio* min huwa l-werriet). F’każ bħal dan, il-qorti hija obbligata fil-prattika li taċċetta provi *ex officio* fin-nuqqas ta’ provi suffiċjenti pprovduti mill-partijiet fil-proċedimenti.

### 2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintlaqa', x'isir wara?

Il-Qorti mhijiex marbuta bir-rikors għall-provi. Il-provi miġjuba minn parti jistgħu jiġu ammessi jew jitħallew barra. Kemm l-ommissjoni tal-provi kif ukoll l-aċċettazzjoni tagħhom jirrikjedu li jinħareġ digriet (l-Artikolu $235^2$(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, l-Artikolu 236(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Issir eċċezzjoni għad-dokumenti fil-proċess tal-kawża jew għall-annessi tagħhom. Tali dokument huwa prova mingħajr deċiżjoni separata – il-qorti trid toħroġ deċiżjoni biss jekk tkun tixtieq tħallih barra (l-Artikolu $243^2$ tal-KPĊ). Meta toħroġ deċiżjoni dwar l-ammissjoni tal-provi, il-qorti għandha tindika l-provi u l-fatti li għandhom jiġu ppruvati u, fejn meħtieġ u possibbli, id-data u l-post tal-kumpilazzjoni tax-xhieda.

Il-Qorti mhijiex marbuta bid-deċiżjoni tagħha li taċċetta jew tħalli barra l-provi u tista’, fejn xieraq, tikkanċellahom jew temendahom (l-Artikolu 240(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

### 2.3 F’liema każijiet il-qorti tista' tiċħad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?

Skont l-Artikolu $235^2$ tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-qorti tista’, b’mod partikolari, tħalli barra l-provi:

- li l-implimentazzjoni tagħhom hija eskluża minn dispożizzjoni tal-Kodiċi;
- li għandhom l-għan li jipprovaw fatt mhux ikkontestat, li huwa irrilevanti għall-eżitu tal-kawża jew ippruvat kif iddikjarat mir-rikorrent;
- li mhumiex adattati biex juru l-fatt inkwistjoni;
- li huwa impossibbli li jiġu pprovduti;
- li jfittxu biss estensjoni tal-proċedura;

- u meta r-rikors ma jiddikjarax il-provi b'tali mod li jippermetti li jiġu pprovduti jew ma jispeċifikax il-fatti li għandhom jiġu ppruvati, u l-parti ma jkunx irnexxielha tirrimedja dik l-ommissjoni minkejja t-talba.

## 2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?

Il-mezzi ta' prova jistgħu jinkludu, b'mod partikolari:

- dokumenti li fihom test u li jippermettu li jiġu identifikati dawk li jkunu ħarġuhom (l-Artikoli 243[1]–257 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);
- testimonjanza tax-xhieda (l-Artikoli 259–277 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);
- perizja (l-Artikoli 278–291 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);
- spezzjoni viżwali (l-Artikoli 292–298 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);
- smigħ tal-partijiet (l-Artikoli 299–304 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);
- l-ittestjar tal-grupp tad-demm (l-Artikoli 305–307 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);
- dokumenti li jkun fihom immaġni jew reġistrazzjoni ta' ħoss (l-Artikolu 308 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Din il-lista mhijiex eżawrjenti – il-proċedura ċivili Pollakka tippermetti l-użu ta' mezzi ta' evidenza differenti minn dawk imsemmija b'mod espliċitu fl-Att (l-Artikolu 309 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

## 2.5 X'inhuma l-mezzi biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-periti tal-qorti? X'inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizji/opinjonijiet ta' esperti?

Ix-xhieda għandhom, bħala regola, jixhdu oralment waqt is-seduta. Xhud li ma jistax jidher meta jiġi mħarrek minħabba mard, diżabbiltà jew ostaklu insormontabbli ieħor għandu jinstema' fil-post ta' residenza tiegħu (l-Artikolu 263 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Il-qorti tista' tiddeċiedi li x-xhud għandu x-xhieda tiegħu bil-miktub (l-Artikolu 271[1] tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). F'dak il-każ, ix-xhud obbligat jissottometti t-test tax-xhieda lill-qorti fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-qorti. Xhieda torox jew muti jagħtu x-xhieda tagħhom bil-miktub jew bl-għajnuna ta' perit (l-Artikolu 271(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Jekk, mingħajr ġustifikazzjoni, ix-xhud ma jidhirx, il-qorti tordna li jiġi mmultat u tinħareġ taħrika ġdida u, f'każ li ma jidhirx ripetutament, timponi multa addizzjonali u tista' tordna li x-xhud jiġi mġiegħel jidher quddiem il-qorti (l-Artikolu 274(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Skont l-Artikolu 266 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, qabel ma jinstema' x-xhud jiġi infurmat bid-dritt tiegħu li jirrifjuta li jixhed u bir-responsabbiltà kriminali jekk jagħti testimonjanza falza (l-Artikolu 266 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Xhud li jkun se jixhed jieħu l-ġurament li ġej: "Filwaqt li nifhem l-importanza ta' dak li se ngħid u tal-obbligi legali tiegħi, jiena naħlef solennement li ngħid il-verità, u li ma naħbi xejn minn dak li naf." Xhud li jagħti xhieda bil-miktub jieħu l-ġurament billi jiffirma dan it-test.

Meta jagħti testimonjanza b'mod orali, ix-xhud jibda billi jwieġeb il-mistoqsijiet tal-qorti, x'jaf rigward il-każ u b'liema mod, u wara dan il-partijiet jistgħu jistaqsuh xi mistoqsijiet (l-Artikolu 271(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Ix-xhieda li t-testimonjanza tagħhom tkun kontradittorja jistgħu jiġu kkonfrontati (l-Artikolu 272 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

L-eżami ta' xhud permezz ta' apparat tekniku li jippermetti li l-eżami jsir mill-bogħod jiddependi mid-deċiżjoni tal-qorti, li tivvaluta jekk in-natura tal-provi tipprekludihx jew le (eż. minħabba l-karatteristiċi personali tax-xhud; l-Artikolu 235(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). F'każ bħal dan, ix-xhud għandu jinżamm fil-binja ta' qorti oħra, jew fil-ħabs jew f'detenzjoni meta jkun imċaħħad mil-libertà, sabiex is-smigħ ikun jista' jiġi trażmess bejn l-awla tal-qorti li tkun qed tmexxi l-proċedimenti u l-post fejn ikun preżenti x-xhud. Fil-post fejn il-persuna mċaħħda mil-libertà tkun preżenti, rappreżentant tal-amministrazzjoni tal-ħabs jew tal-faċilità ta' detenzjoni, aġent, jekk ikun hemm, u interpretu, jekk jinħatar, għandhom ikunu involuti fil-proċedimenti (l-Artikolu 151(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Hija l-qorti li għandha tiddeċiedi jekk ir-rapport tal-perit isirx bil-fomm jew bil-miktub (l-Artikolu 278(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Kull opinjoni trid tinkludi dikjarazzjoni tar-raġunijiet (Artikolu 285 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili). Wara s-sottomissjoni tal-opinjoni, il-qorti tista' titlob suppliment orali jew bil-miktub għall-opinjoni jew spjegazzjoni tagħha, kif ukoll opinjoni addizzjonali tal-istess periti jew oħrajn (l-Artikolu 286 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Meta l-provi jinġabru permezz ta’ mħallef nominat jew qorti rikjesta, il-qorti tista’ tħalli l-għażla ta’ perit f’idejn l-imħallef maħtur jew il-qorti rikjesta (l-Artikolu 278(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Sakemm tintemm l-attività tal-perit, parti tista’ titlob li l-perit jiġi eskluż għall-istess raġunijiet li għalihom tista’ tintalab l-esklużjoni ta’ mħallef (l-Artikolu 281(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Perit jista’ jirrifjuta li jagħti opinjoni għall-istess raġunijiet bħal dawk li għalihom ix-xhieda jistgħu jirrifjutaw li jixhdu (l-Artikoli 280 u 261 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Perit li ma jkunx irreġistrat fir-reġistru tal-periti tal-qorti għandu jieħu ġurament.

Il-qorti tista’ tordna li l-proċess tal-kawża jew is-suġġett tal-ispezzjoni jiġi ppreżentat lill-perit sa fejn ikun meħtieġ u tordna li dan ikun preżenti jew jipparteċipa fil-kumpilazzjoni tax-xhieda (l-Artikolu 284 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

F’każ li, mingħajr ġustifikazzjoni, il-perit ma jidhirx jew jirrifjuta li jieħu ġurament jew jagħti opinjoni, jew f’każ ta’ dewmien żejjed biex jibgħat l-opinjoni, il-qorti tista’ tordna li l-perit jiġi mmultat, imma ma tistax tordna li l-perit jiġi mġiegħel jidher il-qorti (l-Artikoli 287 u 289 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Il-qorti tista’ taċċetta provi minn opinjoni mfassla f’isem awtorità pubblika fi proċedura oħra stipulata fil-liġi. (l-Artikolu $278^1$ tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Kull min il-qorti tordnalu jagħmel hekk, irid jissottometti, fil-post u l-ħin speċifikat, kull dokument miżmum minnu u jipprovdi fatt tal-każ rilevanti, sakemm id-dokument ma jkunx fih informazzjoni kunfidenzjali (l-Artikolu 248(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Jistgħu jiġu eżentati mill-obbligu ta’ hawn biss dawk il-persuni li, fir-rigward tal-fatti diskussi fid-dokument, ikunu intitolati li jirrifjutaw li jixhdu bħala xhieda jew li jżommu dak id-dokument f’isem persuna terza li tkun intitolata li toġġezzjona li tissottometti d-dokument għall-istess raġunijiet. Madankollu, anke jekk rifjut ta’ sottomissjoni tad-dokument ikun inaċċettabbli jekk id-detentur tiegħu jew il-parti terza jkunu mitlubin jagħmlu dan b’referenza għal tal-anqas waħda mill-partijiet jew jekk id-dokument jinħareġ fl-interess tal-parti li titlob li tingħata xhieda. Barra minn hekk, parti ma tistax tirrifjuta li tissottometti dokument jekk id-dannu li l-persuna tesponi ruħha għalih billi tissottometti d-dokument ikun jikkonsisti f’li titlef il-kawża (l-Artikolu 248(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

## 2.6 Hemm xi mezzi ta’ prova li huma iktar b’saħħithom minn oħrajn?

Ma hemm l-ebda raġuni għaliex għandha tiġi aċċettata ġerarkija formali ta’ metodi ta’ provi mill-perspettiva tal-affidabbiltà u s-saħħa tagħhom. Bħala regola, il-qorti tivvaluta l-provi fid-diskrezzjoni tagħha. Madankollu, id-dokumenti jridu jikkostitwixxu prova suffiċjenti ta’ ċerti fatti, sa fejn previst mil-liġi. Id-dokumenti uffiċjali mfassla fil-forma preskritta mill-awtoritajiet pubbliċi maħtura għal dak l-għan u korpi oħra tal-Istat fl-ambitu tal-attivitajiet tagħhom, kif ukoll entitajiet oħra fl-ambitu tal-kompiti ta’ amministrazzjoni pubblika fdati lilhom mil-liġi, jikkostitwixxu prova ta’ dak li ġie ċċertifikat uffiċjalment fihom (l-Artikolu 244 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Parti li tiċħad il-veraċità ta’ strument awtentiku jew li ssostni li d-dikjarazzjonijiet magħmula fih mill-awtorità li tkun ħarġitu huma żbaljati trid tagħti prova ta’ dan (l-Artikolu 252 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Dokument privat ifformulat bil-miktub jew f’forma elettronika juri li l-persuna li ffirmatu għamlet id-dikjarazzjoni li tinsab fid-dokument (l-Artikolu 245 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Jekk parti tiċħad il-veraċità ta’ dokument privat jew issostni li d-dikjarazzjoni tal-persuna li ffirmatu ma tkunx saret minn dik il-persuna, hija trid tagħti prova ta’ dan. Madankollu, jekk it-tilwima tikkonċerna dokument privat li jkun ġej minn persuna li ma tkunx il-kontroparti, il-veraċità tad-dokument trid tiġi ppruvata mill-parti li tkun tixtieq tużah (l-Artikolu 253 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

## 2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezzi ta’ prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?

Le, iżda meta l-liġi tirrikjedi l-użu ta’ forma partikolari għall-konklużjoni ta’ kuntratt partikolari, il-possibbiltà li tingħata prova tal-konklużjoni ta’ dak il-kuntratt permezz ta’ provi oħra għajr id-dokument tal-kuntratt, hija limitata ħafna. Persuna li ma tkunx aġixxiet kif suppost għandha tiġi ppenalizzata bi żvantaġġ proċedurali fil-forma ta’ possibbiltà limitata li tressaq il-provi. Jekk liġi jew kuntratt jirrikjedi li att legali jkun bil-miktub, il-provi mix-xhieda jew mill-interrogazzjoni tal-partijiet f’kawża bejn il-partijiet f’dak l-att jkunu ammissibbli jekk dawk il-provi jikkonċernaw il-fatt li d-dokument tal-att ikun intilef, inqered jew ittieħed minn parti terza u, jekk il-forma bil-miktub kienet miżmuma għall-finijiet ta’ prova biss, anke fil-każijiet speċifikati fil-Kodiċi Ċivili (jiġifieri, fil-każ ta’ tilwim li mhuwiex bejn negozjanti, jekk iż-żewġ partijiet jaqblu hekk, jekk il-konsumatur jitlob dan f’tilwima

mal-bejjiegħ jew fornitur jew jekk il-fatt li l-att legali ġie konkluż jintwera li huwa plawżibbli permezz ta' dokument; l-Artikolu 246 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, l-Artikolu 74(2) u (4) tal-Kodiċi Ċivili). Bl-istess mod, il-provi mix-xhieda jew mis-smigħ tal-partijiet kontra jew dwar il-kontenut ta' dokument li jkun fih att legali jistgħu jiġu aċċettati bejn il-partijiet f'dak l-att biss jekk ma jwasslux għal ċirkomvenzjoni tal-forma riżervata, inkella jkunu nulli u bla effett, u meta, fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, il-qorti tqis li dan ikun meħtieġ (l-Artikolu 247 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

## 2.8 Ix-xhieda huma obbligati bil-liġi li jixhdu?

Iva.

## 2.9 F'liema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?

Il-konjuġi tal-partijiet, l-axxendenti, id-dixxendenti, l-aħwa u l-qraba fl-istess linja jew grad, kif ukoll persuni li jkunu relatati bl-adozzjoni, jistgħu jirrifjutaw li jixhdu. Id-dritt li wieħed jirrifjuta li jixhed ikompli wkoll wara li jintemm iż-żwieġ jew ir-relazzjoni bl-adozzjoni. Madankollu, ir-rifjut li wieħed jixhed ma huwiex permess f'materji ta' stat ċivili (eż. id-determinazzjoni jew iċ-ċaħda tal-filjazzjoni ta' minuri, l-annullament taż-żwieġ, l-adozzjoni u x-xoljiment tal-adozzjoni, id-dikjarazzjoni tal-mewt), ħlief għal każijiet ta' divorzju (l-Artikolu 261(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Ix-xhud jista' jirrifjuta wkoll li jwieġeb il-mistoqsija magħmula jekk it-testimonjanza tiegħu tista' tesponi lilu jew lil qrabatu msemmija hawn fuq għal responsabbiltà kriminali, mistħija jew dannu materjali gravi u dirett, jew jekk it-testimonjanza tista' tikkostitwixxi ksur tas-sigriet professjonali essenzjali. Barra minn hekk, il-membri tal-kleru jistgħu jirrifjutaw li jixhdu fuq fatti li jkunu saru jafu bihom waqt il-qrar (l-Artikolu 261(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

## 2.10 Jekk persuna tirrifjuta li tixhed tista' tingħata multa jew tiġi sfurzata tixhed?

Fil-każ ta' rifjut mhux iġġustifikat li wieħed jixhed jew li jieħu ġurament, il-qorti, wara li teżamina l-partijiet kollha preżenti fir-rigward tal-validità tar-rifjut, timponi multa fuq ix-xhud. Irrispettivament mill-multa ta' hawn fuq, il-qorti tista' żżomm lix-xhud arrestat sa massimu ta' ġimgħa. Il-qorti teħles lix-xhud mid-detenzjoni jekk jixhed jew jieħu ġurament jew jekk il-każ ikun ġie solvut minn qorti fejn ix-xhieda tax-xhud tkun ġiet ammessa (l-Artikolu 276 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

## 2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?

Iva. Persuni li ma jkunux jistgħu josservaw jew jikkomunikaw l-osservazzjonijiet tagħhom ma jistgħu jkunu xhieda (l-Artikolu 259(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Il-waqfien tal-kawżi ta' dik in-nuqqas ta' kapaċità jistgħu jwasslu biex titneħħa l-projbizzjoni fuq ix-xhieda. Is-sempliċi fatt ta' kura psikjatrika jew ta' inkapaċità ma jipprojbixxix awtomatikament l-interrogazzjoni. Lanqas ma hemm limitu ta' età li 'l fuq minnu minuri jitqies li jista' jipperċepixxi u jikkomunika dak li jipperċepixxi. Għalhekk, jekk minuri jistax jiġi eżaminat jiddependi fuq il-kapaċitajiet individwali u l-grad ta' żvilupp tiegħu. F'kawżi ta' żwieġ, il-liġi tipprevedi limitazzjonijiet fir-rigward tal-eżami ta' minuri ta' taħt it-13-il sena u l-qraba tal-partijiet fil-linja dixxendenti taħt is-17-il sena bħala xhieda (l-Artikolu 430 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Barra minn hekk, hemm regola ġenerali li ħadd ma jista' jiġi eżaminat fl-istess kawża darba bħala xhud u darb'oħra bħala parti. Ir-rappreżentant legali tal-parti jista' għalhekk jinstema' fil-kuntest tas-smigħ tal-partijiet u mhux bħala xhud (l-Artikolu 259(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Ir-rappreżentant ta' parti jista' jinstema' bħala xhud, iżda f'dan il-każ irid jaħtar sostitut għas-smigħ u, hekk kif tingħata t-testimonjanza, itemm il-prokura. Il-parteċipanti konġunti ma jistgħux ikunu xhieda (l-Artikolu 259(4) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Il-persunal militari u l-impjegati taċ-ċivil li ma jkunux inħelsu mid-dmir li jżommu informazzjoni sigrieta identifikata bħala "klassifikata" jew "kunfidenzjali", ma jistgħux jixhdu jekk it-testimonjanza tagħhom tkun tinvolvi l-ksur ta' dik is-segretezza (l-Artikolu 259(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Medjatur ma jistax jixhed dwar fatti li jkun sar konxju minnhom matul il-medjazzjoni, sakemm il-partijiet ma jilliberawhx mill-obbligu li jżomm is-segretezza tal-medjazzjoni (l-Artikolu 259[1] tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

### 2.12 X'inhu r-rwol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smigħ ta' xhud? B'liema kundizzjonijiet jista' jinstema' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezzi tekniċi oħrajn?

Xhud jinstema' mill-qorti. L-imħallef li jippresjedi għandu l-ewwel jivverifika l-identità tax-xhud, jinforma lix-xhud bir-responsabbiltà kriminali jekk jagħti testimonjanza falza u jamministra l-ġurament lix-xhud. Ix-xhud jibda jixhed billi jwieġeb mistoqsijiet mill-imħallef li jippresjedi dwar dak li jaf dwar il-każ u b'liema mod, u mbagħad jistgħu jsiru mistoqsijiet mill-imħallfin l-oħra u l-partijiet (l-Artikolu 271(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). L-imħallef presjedenti jagħtihom permess jitkellmu u jistaqsu mistoqsijiet u jista' jintervjeni jekk jabbużaw minn dan, u jikkanċella l-mistoqsija jekk iqisha mhux xierqa jew superfluwa (l-Artikolu 155 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Ix-xhud ma jistax iħalli l-awla qabel ma jingħata l-permess biex jagħmel dan mill-imħallef presjedenti (l-Artikolu 273(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

## 3 Il-valutazzjoni tal-provi

### 3.1 Meta l-provi ma jkunux inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?

Il-liġi Pollakka ma tipprevedix projbizzjoni ġenerali kontra l-użu ta' provi miksuba illegalment fi proċedimenti ċivili. Il-ġurisprudenza tal-qrati u l-opinjonijiet tad-duttrina ma humiex konsistenti. Il-fehma prevalenti hija li l-qorti għandha tivvaluta fuq bażi ta' każ b'każ liema interess legali għandu jiġi protett l-aktar: id-dritt miksur bil-kisba tal-provi jew id-dritt għal rimedju ġudizzjarju. Għaldaqstant, filwaqt li l-provi miksuba permezz ta' reat kriminali għandhom, fil-prinċipju, jiġu injorati bħala inammissibbli, dan mhux neċessarjament japplika għal provi miksuba bi ksur minuri tal-liġi (eż. ksur ta' interess personali fil-forma tad-dritt għall-privatezza), b'mod partikolari meta jkun hemm interess pubbliku importanti fl-aċċettazzjoni tal-provi.

Bħala regola ġenerali, provi fil-forma ta' reġistrazzjoni ta' intervista li fiha l-parti li titlob il-kumpilazzjoni ta' xhieda tkun ħadet sehem hija ammissibbli, anke jekk ir-reġistrazzjoni tkun saret mingħajr l-għarfien u l-kunsens tal-interlokutur.

Fi kwalunkwe każ, jekk il-provi jkunu nkisbu permezz ta' reat (kif stabbilit b'kundanna definittiva), dawn jistgħu mbagħad jitqiesu mill-qorti bħala bażi għall-ftuħ mill-ġdid tal-proċedimenti (l-Artikolu 403(1)(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

### 3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?

Is-sottomissjonijiet orali u bil-miktub tal-partijiet ma jikkostitwixxux provi. Madankollu, jekk, wara li jiġu eżawriti l-provi jew fin-nuqqas ta' tali provi, ċerti fatti rilevanti għas-soluzzjoni tal-kawża jibqgħu mhux spjegati, il-qorti tista' tisma' lill-partijiet sabiex tiċċara l-fatti (l-Artikolu 299 tas-CCP) u din is-seduta titqies bħala prova.

## 4 Dan l-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 2(1) tar-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda speċifika awtoritajiet oħra li huma kompetenti li jiġbru l-provi għall-finijiet ta' proċedimenti ġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali skont ir-Regolament? Jekk iva, dawn f'liema proċedimenti huma kompetenti li jiġbru l-provi? Jistgħu jitolbu biss il-ġbir tal-provi jew jassistu wkoll fil-ġbir tal-provi abbażi ta' talba mingħand Stat Membru ieħor? Ara wkoll in-notifika skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda

Fil-Polonja, il-qrati biss huma kompetenti biex jikkumpilaw ix-xhieda għal proċedimenti ġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali (ekonomiċi).

---

L-aħħar aġġornament: 06/01/2026

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-

servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.